# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM, il-Gimgha 16 ta' Ġunju, 2017

**Rik. Nru. 749/17JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 749/17 fl-ismijiet:

Leone **GRECH** u Joseph Farruġia, fil-kapaċita' rispettiva tagħhom ta' President u Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-għaqda bl-isem *Unscheduled Bus Service*

vs

**AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq fis-17 ta' Mejju, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti fil-kwalita' tagħhom fuq imsemmija talbu li din il-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli "tipproċessa sejħa pubblika li ġġib riferenza TM17/2017 intitolata '*Concession for the Licensing and*

*Operation of Malta Heritage Buses*' u/jew tagħti konċessjoni għal-liċenzjar u operazzjoni ta' numru ta' '*Malta Heritage Buses*' in segwitu għall-istess sejħa;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2017, li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-Awtorita'intimata bi żmien għat-Tweġiba u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-23 ta' Mejju, 2017;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fid-19 ta' Mejju, 2017, li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talba tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qalet li r-rikorrenti jridu juru li l-għaqda li f'isimha ressqu din il-proċedura għandha personalita' ġuridika u li r-rikorrenti huma l-persuni vestiti bis-setgħa li jidhru għaliha f'atti ġudizzjarji. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ma jmisshiex tintlaqa' minħabba li ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu. B'mod partikolari, hija tgħid li l-*Unscheduled Bus Service* (minn issa 'l hemm imsejħa "UBS") ma għandha l-ebda jedd li żżommha milli toħroġ u tagħti liċenzi bħala miżura protezzjonista biex tiggarantilha xi għamla ta' suq magħluq. Iżżid tgħid li s-sejħa pubblika ħarġitha wara li sarulha bosta talbiet mis-settur turistiku biex ikun hawn servizz bħal dan u li hija, bħala l-Awtorita' regolatorja, għandha s-setgħa fil-liġi li tagħmel dan sabiex twieġeb għall-ħtiġijiet tal-imsemmi settur. Hija tisħaq li s-servizz li huwa maħsub li jingħata mill-meżżi tat-trasport li jidħlu għal din is-sejħa huwa limitat għal servizz ta' konferenzi u ġarr ta' turisti *pre-booked* u li l-għadd tagħhom ma jkunx jista' jaqbeż numru limitat f'kull jum. Hija tgħid li lanqas ma jirriżulta li jekk kemm-il darba s-sejħa tibqa' miexja 'l quddiem u jibda jingħata s-servizz impunjat, ma jistax jingħad li UBS jew l-imseħbin tagħha sejrin ibatu xi ħsara li ma tistax mod ieħor tkun rimedjata;

Semgħet id-dikjarazzjoni ta' rappreżentant tal-Awtorita' intimata għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda mressqa mir-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt l-imsemmi smigħ;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-8 ta' Ġunju, 2017, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

## *Ikkunsidrat:*

Illi tqis li r-rikorrenti *nomine* qegħdin jitolbu biex il-Qorti żżomm milli jitkompla l-proċess ta' sejħa pubblika biex jitnieda servizz ta' trasport b'vetturi qodma (mibnija f'Malta qabel l-1975) tal-ġarr tal-passiġġieri għal għan turistiku minħabba li dan ser joħloq qagħda ta' kompetizzjoni mhux ġusta mas-servizz li jagħtu l-vetturi tal-imseħbin ta' UBS;

Tqis li f'April tal-2017[1], l-Awtorita' intimata ħarġet sejħa għall-offerti għall-għoti ta' konċessjoni u liċenza għat-tħaddim ta' servizz ta' "*Malta Heritage Buses*" u li dawn l-offerti kellhom jitressqu sad-19 ta' Mejju;

Tqis li l-għan ewlieni tas-servizz maħsub huwa dak li l-operatur(i) magħżul(in) jipprovdi(u) servizz ta' "*touristic pre-booked pasenger transport services and conference-related services only*" u li ma jistax joffri l-ebda għamla oħra ta' servizz ta' ġarr ta' persuni;

Tqis li dwar l-"eċċezzjonijiet" ta' xejra preliminari mqanqla mill-Awtorita' intimata, jingħad li dawn mhumiex ġeneralment ammissibbli f'din l-istanza. Dan jingħad għaliex it-tiftix li trid tagħmel il-Qorti għas-siwi ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitfixkel jew jitwaqqaf b'indaġni dwar kwestjonijiet ta' eċċezzjonjiet preliminari, jekk mhux għax jirriżulta xi difett fil-ħtiġijiet jew fil-forma li l-liġi titlob minn Mandat bħal dak[2];

Tqis li l-kwestjoni dwar jekk il-UBS tħaddanx personalita' ġuridika jew jekk iż-żewġ rikorrenti li ressqu din il-proċedura igawdux tabilħaqq ir-rappreżentanza ġuridika tal-istess għaqda, ma għandhiex twaqqaf lil din il-Qorti milli tistħarreġ is-siwi tat-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-"mertu" tat-talba, l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li l-parti rikorrenti turi żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqilha tikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li trid turi hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnha. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd

---

[1] Ara Dok "A", f'paġġ. 3 sa 21 tal-atti
[2] App. Ċiv. **11.5.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XLVI.i.242**)
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-jedd *prima facie* li fuqu jistrieħu r-rikorrenti *nomine* jikkonsisti fil-ħelsien minn kundizzjonijiet li joħolqu kompetizzjoni diretta u inġusta bejn is-servizz mogħti mill-USB u dak li ser ikun qiegħed jingħata mill-vetturi taħt l-iskema tal-*Malta Heritage Buses*. Hija żżid tgħid ukoll li s-servizz il-ġdid maħsub bis-sejħa magħmula mill-Awtorita' intimata imur kontra l-fehma dikjarata tal-Gvern u l-ftehim li kien sar magħha meta s-suq kien liberalizzat fl-2009;

Tqis li, minn dak li tressaq quddiem il-Qorti f'din il-proċedura, tali jedd ma joħroġx mad-daqqa t'għajn. Dan jingħad mhux biss għaliex ma tressaq l-ebda ftehim li juri li hemm xi rabta li s-servizz maħsub ma jistax isir, iżda wkoll għaliex minn dak li jsemmi d-dokument tas-sejħa għall-offerti ma ntweriex li l-kundizzjonijiet mitluba għal vetturi li jridu jaħdmu taħt din l-iskema huma aktar laxki minn dawk li taħthom jaħdmu l-vetturi tas-sidien imsieħba fl-UBS;

---

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

Tqis, min-naħa l-oħra, li s-sejħa magħmula mill-Awtorita' intimata hija waħda li taqa' fis-setgħat li l-liġi tagħtiha u tagħniha biha f'dak li jirrigwarda l-ħruġ jew l-għoti ta' liċenzi marbuta mas-servizzi ta' trasport u ġarr tan-nies[7]. Minbarra dan, il-liġi innifisha tipprovdi għall-għoti ta' servizz bħal dak li dwaru nħarġet is-sejħa li minnha jilmintaw ir-rikorrenti *nomine* u li dan jaqa' fis-setgħat tal-imsemmija Awtorita'[8]. Il-kundizzjonijiet imsemmijin fis-sejħa għall-offerti jirriproduċu dawk li l-liġi msemmija titlob biex ikun jista' jingħata servizz bħal dak;

Tqis li l-liġi tħares il-"jedd" *prima facie*, bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Wieħed irid jagħraf li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikulta'[9], disaġju jew tħassib. Irid ikun jedd eżegwibbli li jkun jidher mad-daqqa t'għajn u li l-ksur tiegħu bl-għemil maħsub ikun tassew ser jinkiser. Fid-dawl ta' dak li ssemma aktar qabel, din il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti *nomine* seħħilhom juru li kien hemm dan il-ksur ta' jedd;

Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-Mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi[10] titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-Mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma;

Tqis li, bid-dikjarazzjoni magħmula waqt l-ewwel smigħ minn rappreżentant tal-Awtorita' intimata, l-ewwel l-element mit-tnejn li għadhom kemm issemmew għall-ħruġ tal-Mandat jinsab soddisfatt;

Tqis li, għar-rigward tat-tieni element, f'dan ir-rigward il-liġi llum m'għadhiex titkellem dwar preġudizzju "li ma jkunx jista' jiġi rimedjat" bħala l-bażi tal-ilqugħ ta' talba għall-ħruġ tal-Mandat kontra l-Gvern, imma biżżejjed jintwera li tali preġudizzju jkun sproporzjonat. Dan ifisser li, bejn il-vantaġġ li joħroġ kieku l-ħaġa titwettaq u l-ħsara li ġġib magħha jeħtieġ li jsir tqabbil;

Tqis li dwar l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat, ir-rikorrenti *nomine* jissottomettu li l-Mandat jeħtieġ li jinħareġ għaliex il-ħsara li l-iskema tal-

---

[7] Artt. 6(1)(f) u 6(2)(a) tal-Kap 499
[8] Ara reg. 68Q tal-A.L. 149/09 (L.S. 499.56)
[9] Kumm. **26.5.1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[10] Art. 873(3) tal-Kap 12

*Malta Heritage Buses* sejra ġġib fuq l-imseħbin tal-UBS ma hemm l-ebda rimedju ieħor disponibbli lilhom biex bih jistgħu jiqfulu jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

Tqis li lanqas dan l-argument ma għandu mis-sewwa, għaliex kif lejalment għaraf l-għaref difensur tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-UBS tista' tirrikorri għal rimedju quddiem l-organu statutorju xieraq biex jistħarreġ jekk bit-tnedija tal-iskema tal-*Malta Heritage Buses* hux se jkun hemm ksur tal-liġi dwar kompetizzjoni xierqa fis-suq;

Tqis, min-naħa l-oħra, li jekk kemm-il darba l-ħsara li r-rikorrenti jew uħud minnhom jibżgħu li se' jġarrbu jekk kemm-il darba kellu jseħħ dak li bil-Mandat iridu jżommu milli jseħħ huwa telf finanzjarju, allura hawn ukoll tonqos il-"ħtieġa" tal-ħruġ tal-Mandat, ladarba kull telf li jissarraf fi flus determinabbli jista' jingħata kumpens dwaru fi proċedura li tista' dejjem tittieħed fil-waqt xieraq;

Tqis, għalhekk, li f'dan il-każ, ma jikkonkorrux l-elementi kollha meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, u b'mod partikolari billi ma jirriżultax li r-rikorrenti *nomine* għandhom, mad-daqqa ta' għajn, jedd li jistħoqqlu jkun imħares jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat mitlub, jew li, jekk kemm-il darba jirriżulta li sar xi nuqqas, tali nuqqas ma jistax jingħata rimedju xieraq b'xi mod proċedurali ieħor;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat** billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2017, safejn kienet laqgħet it-talba tar-rikorrenti *nomine* b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu l-**ispejjeż ta' din il-proċedura**.

Mogħti kameralment illum, il-Gimgha s-16 ta' Ġunju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**